**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Jannar, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 622/2017 AF**

**Arkitett Raymond Vassallo personalment u fil-kwalità tieghu ta' azzjonist u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Parade Limited (C-4082) u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mariella Vassallo**

**vs**

**Registratur tal-Qrati Civili u ghal kull interess li jista' jkollhom Dr. Jonathan Demaria, Dr. Antoine Cremona, Dr. Albert Grech u l-PL Gerald Bonello, Anthony u Ingrid konjugi Parlato Trigona, Arkitett William u Gabriella sive Gaby konjugi Carbonaro, Arkitett Edward u Anna konjugi Micallef, Parade Limited (C-4082) u Windsor Holdings Limited (C-11422)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikors guramentat kien ippremetta li t-talba kienet wahda a tenur tad-*derivative action* mahsuba taht l-Artikolu 402 tal-Companies Act mill-punto di vista ta' *second tier shareholder*. U bhala tali, l-azzjoni kienet intiza sabiex tipprotegi s-socjetà Parade Limited mill-abbuz u l-kolluzzjoni tal-intimati (salv l-avukati u prokuraturi legali). Fil-fatt, ir-rikorrenti fittxew dikjarazzjoni ta' responsabbilità u kundanna konsegwenzjali ta' danni u telf soffert.

Fis-26 ta' Mejju 2015, il-Qorti kienet ta' sentenza in parte rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Carbonaro u l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konjugi Parlato Trigona, li bihom lkoll eccepew, in succint, illi kellhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-azzjoni derivattiv kif proposta mill-atturi ma kienitx azzjonabbli skond il-ligi Maltija. F'tali sentenza in parte l-Qorti kienet cahdet l-eccezzjonijiet imsemmija u ordnat il-prosegwiment regolari tal-kawza.

Minn din id-decizjoni, l-intimati kollha ntavolaw appell. Fit-30 ta' Dicembru 2016, il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell u b'hekk hassret is-sentenza impunjata, kif ukoll cahdet it-talbiet attrici billi ddikjarat illi l-azzjoni kif proposta hija inammissibbli, u allura lliberat lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

B'hekk fis-seduta li kien imiss quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u cioè fis-26 ta' Ottubru 2016, il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-proceduri u ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista, u dan, minghajr qatt ma dahlet fil-mertu tal-kawza jew wisq anqas ddeterminat l-ammont ta' danni allegati.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-istess Qorti orndat illi l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu ssapportati mill-esponenti.

Fil-15 ta' Gunju 2017, l-esponenti rcevew ittra ufficcjali mill-intimati, fejn dawn talbu hlas tal-ispejjez gudizzjarji abbazi tat-taxxa hemm annessa (illum hawn annessa u mmarkata Dok. A). L-esponenti jixtiequ jikkontestaw tali taxxa ghas-segwenti ragunijiet:

## *A. Ebda taxxa dovuta lir-Registratur*

L-ewwel ma jigi rilevat huwa li, skond it-Tariffa A kwalunkwe spejjez gudizzjarji dovuti lir-Registratur ghandhom jithallsu "mal-prezentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att iehor ta' procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prim Istanza…" Dan ifisser illi kwalunkwe taxxa li kellha tithallas lir-Registratur necessarjament, digà thallset in saldu mal-prezentata tar-rikors 716/11 AF. Infatti, l-Artikolu 9(1) tat-Tariffa 'A' itenni bl-aktar mod car illi:

> "Hlief fejn jinghad mod iehor, id-drittijiet kollha dovuti ghandhom jithallsu kollha flimkien mal-prezentata tal-att relattiv u r-Registratur ma jaccettax ghall-prezentata xi att ta' procedura li ma jkollux mieghu d-dritt relattiv."

U di più, l-Artikolu 9(2) tal-istess Tariffa jikkonkludi illi:

> "L-intaxxar li jsir mir-Registratur tal-ammont ta' drittijiet li ghandu jithallas ikun finali."

M'hemm l-ebda provvediment iehor ghal xi taxxa pagabbli fir-Registru, la fit-Tariffa 'A' u lanqas banda ohra fil-Kapitolu 12, hlief ghal kaz kontmeplat fl-Art. 4(3) tat-Tariffa 'A' li ma japplikax fil-kaz in ezami billi din tipprovdi:

"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bhala l-valur tal-kawza u dak il-valur hu cert jew ghandu jigi determinat skond il-ligi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu oghla mill-ammont imhallas bhala drittijiet tar-registru, ir-Registratur tal-Qorti jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza, u jekk fi tmiem il-proceduri l-valur jibqa' ma

jigix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, d-drittijiet ikunu stabbiliti skond il-minimu mizjuda (€600), salv id-dritt tar-registratur li johrog taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-kaz."

Billi, jidher mill-verbal ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2016 (hawn anness u mmarkat Dok. B) illi din is-sentenza ma ntemmitx b'sentenza finali, izda giet ikkancellata mill-lista, ebda somma ohra ma setghet tkun dovuta skond l-Artikolu citat u dan proprju ghaliex dan l-Artikolu jinneccesita, ghall-applikazzjoni tieghu, sentenza finali.

Ghalhekk, l-ammont ta' €385.66 pretiz mir-Registratur ma huwiex fil-fatt dovut:

## *B. Kalkolazzjoni tat-Taxxa abbazi ta' Punt ta' Ligi hew Punt ta' Fatt*

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher mit-taxxa annessa, li d-drittijiet kemm tar-registru u kemm tal-avukati gew ikkalkolati *ad valorem* skond id-disposizzjoni numru 3 tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fuq stimi ta' danni msemmijin fir-rikors promotur, kif ukoll fuq stimi ta' danni msemmijin fl-affidavit tar-rikorrent Vassallo pprezentat fl-atti tal-kawza.

Qabel kollox, l-esponent jirrileva li t-taxxa in kwistjoni ma kellha qatt tigi kkalkolata *ad valorem* u dana billi fl-ewwel lok, l-oggett tal-kawza kien wiehed ghal rimedju taht l-Artikolu 402 tal-*Companies Act* u cioè sabiex jigi determinat punt ta' ligi u punt ta' fatt. Huwa veru, li fir-rikors promotur intalbet ukoll dikjarazzjoni ta' responsabbilità ghad-danni u jew telf kkawzati, però din it-talba kienet ansilljari ghat-talba principali, u ghalhekk ma kellhiex tigi mehuda in kunsiderazzjoni fl-intaxxar tal-kawza; dan specifikament meta l-kawza stess giet deciza fuq punt ta' ligi, u cioè li r-rikorrent ma kellhomx id-dritt jagixxu bl-azzjoni derivattiva kif proposta.

Barra minn hekk, jidher illi l-kawza kellha tigi ntaxxata abbazi ta' punt ta' ligi/fatt u mhux ad valorem, specifikament ghaliex,

fil-fatt ebda valur cert ma nghata ghad-danni pretizi. Fil-fatt, fir-rikors promotur, (riprodott fis-sentenza tal-appell hawn annessa u mmarkata Dok. C) jintalbu, *inter alia*, danni ghal agir, liema danni ma setghux jigu kkwantifikati, izda wkoll barra minn hekk, fl-istanzi fejn l-esponenti ppruvaw jikkwantifikaw id-danni, dawn gew deskritti bhal ta' "xi €11,000", "ta' xi €8,000", "ilahhqu s-somma ta' xi seba' u tletin elf Ewro (€37,000)", "ghal xi ghoxrin elf Ewro (€20,000)". L-esponenti jissottmetti bir-rispett illi valur ma jistax jigi stabbilit fuq stimi msemmijin fir-rikors promotur daqs li kieku dawn l-istimi huma stat ta' fatt.

B'hekk l-ispejjez tal-avukati u l-prokuraturi legali kellhom jinahdmu, mhux *ad valorem*, izda skond ir-Regola 15 tat-Tariffa E, li tipprovdi:

"(a) ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt ................................ minn 23.29 sa 232.94"

B'hekk il-massimu li t-taxxa fuq id-dritt tal-avukat seta' jilhaq kien ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centemzu (€232.94), u l-massimu li t-taxxa tad-dritt tal-prokuratur legali seta' jilhaq kien ta' sebgha u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€77.65).

Dan ifisser illi fl-appell, dawn il-valuri ta' €232.94 u €77.65, maghduda mal-ispejjez l-ohra murija fil-*white card* tal-proceduri tal-appell, u cioè €40, €40 u €25 u mizjuda b'terz, hekk skond l-Artikolu 38 tat-Tariffa E jaghtu l-valur ta' €415.59, li mbaghad minnu jinhadem id-dritt tal-prokuratur legali, li allura jigi €138.53. Ghalhekk dawn il-valuri ghandhom jissostitwixxi l-valuri ta' €970 u €323.33 fit-taxxa annessa.

Hekk ukoll, il-valuri ta' €1,052 bhala d-dritt tal-avukati fuq kawza kkancellata, u l-valur ta' €350.80 bhala d-dritt tal-prokuratur legali fuq kawza ikkancellata, kellhom jigu kkalkolati abbazi tal-massimu ta' €232.94 ghad-dritt tal-avukat, li meta maghdud mal-ispejjez l-ohra imsemmija fil-*white card* (Dok. D) (u cioè €25, €25, €25, €30 u €25) dan jaghti rizultat ta'

€362.94, li allura jaghti lok ghad-dritt tal-prokuratur legali fl-ammont ta' €120.98.

Bl-istess mod, fejn fit-taxxa hemm indikat, taht il-kolonna tal-intimat Parlato Trigona, illi hemm dovut bhala "dritt registru appell" (fl-ammont ta' €1,120) dan kellu jkun ibbazat fuq punt ta' ligi u ghalhekk l-ammont ta' €650 (hekk skond l-Artikolu 4(5) tat-Tariffa A). Ghalhekk l-ammont ta' €1,120 ukoll ghandu jigi sostitwit bl-ammont ta' €866.87. Ghandu jinghad illi dan l-ammont ma kellux jizdied b'terz ghaliex, ghal kuntrarju tat-Tariffa E, fit-Tariffa A, jidher illi din iz-zieda ssir biss f'kaz illi l-kawza tigi ntaxxata *ad valorem* skond l-Artikolu 3 tal-istess Tariffa.

Ghaldaqstant, fejn fit-taxxa (Dok. A) hemm il-valuri €970, €323.33, €1,052.40, €350.80 u €1,120 dawn kellhom jaqraw: €415.59, €138.53, €362.94, €120.98 u €650 rispettivament). Dan ifisser illi t-totali ta' €3,353.63, €3,127.47 u €4,261.61 kellhom jaqraw: €1,695.14, €1,468.98 u €2,133.12.

## C. ***Kalkolazzjoni tat-Taxxa abbazi tal-Artikolu 27 tat-Tariffa E u 5(3) tat-Tariffa A***

Bla pregudizzju ghal dak suespost, l-esponenti jishqu wkoll illi anke li kieku din il-Qorti kellha taccetta li l-kalkolazzjoni tat-taxxa kellha tkun abbazi tal-Artikolu 27 tat-Tariffa E u l-Artikolu 5(3) tat-Tariffa A, kif fil-fatt inhadmet, jidher mill-*white card* (hawn anness u mmarkat Dok. D), li l-kalkolazzjoni ma saritx strettament skond dawn l-istess Artikoli u dan ghaliex, dawn jipprovdu li:

> "27. F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt."

u

> "[5](3) Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' din it-Tariffa ghandhom jigu ntaxxati wkoll mal-prezentata ta' rikors lill-Qorti biex wiehed jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet, twegiba jew att iehor tal-procedura pprezentat bhala risposta ghal talba u mahsub biex jikkontesta, kemm totalment jew parzjalment, talba maghmula f'Qorti ta' Prima Istanza jew f'Qorti tal-Appell, izda f'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza d-drittijiet kollha ntaxxati skond il-paragrafi 2 sa 4 ghandhom jigu mnaqqsa bi …… 50%."

Jekk wiehed ihares lejn il-kalkolazzjoni fil-*white card*, jidher illi minflok mal-ammont gie kkalkulat abbazi tad-danni reklamati, imbaghad imnaqqas bin-nofs, l-ispejjez gew ikkalkolati fuq nofs id-danni reklamati, haga li fil-fatt itella' l-ammont ta' spejjez, bis-segwenti mod:

Skond ir-Regola 13 tat-Tariffa E, kalkolazzjoni *ad valorem* issir:

(i) Dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ………… €46.59 bhala l-inqas dritt jew 10% skond liema jkun l-oghla

(ii) Dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 ghal kull €232.94 ………………….. €6.99

(iii) Dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 ghal kull €232.94 …………… 2.33."

Dan ifisser illi f'din il-kawza, peress illi l-ammont ta' danni pretiz kien jammonta ghal circa €75,000:

L-ewwel €1,164.69 kellhom jigu ntaxxati bis-somma ta' €116.46, €22,129.42 kellhom jigu ntaxxati bis-somma ta' €6.99 kull €232.94, li allura jaghti rizultat ta' €664.05, €51,706.27 kellhom jigu ntaxxati bis-somma ta' €2.33 kull €232.94, li allura jaghti rizultat ta' €517.20. Dawn is-somom maghdudin, jaghtu rizultat ta' €1,297.72, li meta jittiehed bin-nofs skond l-Artikolu 27 tat-Tariffa E, jaghti rizultat ta' €648.46. Ammont li huwa ferm anqas mill-ammont ta' €922.40, li huwa l-ammont stabbilit mir-Registratur meta t-

taxxa giet ikkalkolata fuq nofs id-danni, minflok fuq l-intier taghhom, imbaghad imnaqqas bin-nofs, kif jipprovdi l-Artikolu 27. Ma' dan ghandhom jizdiedu l-ammonti murija fil-*white card* (Dok. D) li jammontaw ghal €130, u ghalhekk it-total, minflok €1,052.40 ghandu jaqra €778.86 u ghalhekk id-dritt tal-prokuratur legali ghandu jaqra €259.62.

Hekk ukoll, l-Artikolu 3 tat-Tariffa A jipprovdi:

> "(a) sa l-ewwel €7000, ghal kull €100 jew parti minnha ........................................................................ €3.90
>
> (b) dwar kull valur 'il fuq minn €7,000 sa €10,000, ghal kull €100 jew parti minnha ............................ €2.75
>
> (c) dwar kull valur 'il fuq minn €10,000 sa €25,000, ghal kull €100 jew parti minnha ............................ €2.50
>
> (d) dwar kull valur 'il fuq minn €25,000 sa €100,000, ghal kull €100 jew parti minnha ............................ €1.90
>
> (e) dwar kull valur 'il fuq minn €100,000 sa €200,000 ghal kull €100 jew parti minnha ............................ €1.20
>
> (f) dwar kull valur 'il fuq minn €200,000 ghal kull €100 jew parti minnha .............................................. €0.90"

Dan ifisser illi, f'dan il-kaz, fuq danni ta' €75,000, l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu kkalkolati hekk:

L-ewwel €7,000 kellhom jigu ntaxxati bis-somma ta' €3.90 kull €100, li allura jaghti rizultat ta' €273, €3000 kellhom jigu ntaxxati bis-somma ta' €2.75 kull €100, li allura jaghti rizultat ta' €82.50, €15,000 kellhom jigu ntaxxati bis-somma ta' €2.50 kull €100, li allura jaghti rizultat ta' €375, u €50,000 kellhom jigu ntaxxati bis-somma ta' €1.90 kull €100, li allura jaghti rizultat ta' €950. Ghalhekk b'total ta' €1,680.50, li mehud bin-nofs jaghti valur ta' €840.25 u mhux €968 kif erronjament ikkalkolat fit-taxxa ufficcjali – kif muri wkoll fil-*white card* (Dok. D).

Fir-rigward tat-Tariffa A, jinghad illi dan qieghed jinghad solament sabiex jigi stabbilit il-punt illi jidher illi fl-istanza tal-appell, it-taxxa abbazi tal-Artikolu 27 tat-Tariffa E u l-Artikolu 5(3) tat-Tariffa A, giet ikkalkolata korrettament, fis-sens illi jidher mill-*white card* (anness u mmarkat Dok. E) illi d-dritt tal-avukati gie kkalkolat fl-ammont ta' €865, li huwa l-ammont ta' €648.46 mizjud b'terz,; u jidher ukoll illi d-dritt tar-registru gie kkalkolat fl-ammont ta' €1,120, li huwa l-ammont ta' €840.25 mizjud b'terz; u ghalhekk huwa biss fl-intaxxar tal-proceduri fil-Prim'Awla li sar dan l-izball. Izda kif digà sottomess, peress illi l-kawza ma ntemmitx b'sentenza, ebda ammont ulterjuri ma huwa dovut lir-Registratur kif pretiz minnu.

Dan kollu jfisser illi minflok l-ammonti ta' €3,353.61, €3,127.47 u €4,261.61, dawn kellhom jaqraw €2,988.91, €2,762.75 u €3,896.89 rispettivament.

## *D. Kalkolazzjoni tat-Taxxa abbazi tal-Artikolu 28 tat-Tariffa E*

Però, minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-esponenti jissottomettu li, ghalkem, l-ispejjez tal-appell gew ikkalkolati korrettament u skond ir-regoli korretti tat-Tariffi peress illi nghatat sentenza fejn l-intimati gew illiberati mill-osservanza tal-gudizzju, l-istess ma jistax jinghad ghall-ispejjez tal-Prim'Awla, u dan ghaliex, l-Artikolu 28 tat-Tariffa E, specifikament jipprovdi:

"Meta kawza ma titkomplix fil-qorti tal-ewwel grad jew ta' grad ta' appell:

(i) Wara li r-rikors ikun gie pprezentat, jinghata lill-Avukat tal-attur terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawza tkun taxxabbli *ad valorem*;

(ii) Wara li l-eccezzjonijiet jew ir-risposta jkunu tlestew, jinghata lill-Avukat tal-konvenut terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawza tkun taxxabbli *ad valorem*."

Dan ifisser illi peress illi l-kawza ma ntemmitx f'sentenza, izda giet ikkancellata minn fuq il-lista, kif jidher mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 (Dok. B), id-dritt tal-avukati kellu jkun terz ta' dak stabbilit fil-paragrafu 13 u mhux nofs bhalma gie fil-verità kkalkolat. Dan ifisser illi, jekk wiehed jiehu l-kawza *ad valorem*, hekk skond l-artikolu 13 tat-Tariffa E, u jasal ghas-somma ta' €1,297.72 (kif ikkalkolat iktar 'il fuq), id-dritt tal-avukat, bhala terz minn dan kellu jkun ta' €432.57, li maghdud mal-ispejjez l-ohra murija fil-*white card* (anness bhala Dok. D), ghandu imbaghad jaqra €562.57. ghalhekk, kull fejn fit-taxxa hemm il-valur ta' €1,052.40, dan ghandu jigi sostitwit bil-valur hawn imsemmi ta' €562.57; u konsegwentement, fejn ghad-dritt tal-prokuratur legali hemm imnizzel valur ta' €350.80, dan ghandu jigi sostitwit bil-valur ta' €187.52.

Dan ifisser illi minflok l-ammonti ta' €3,353.63, €3,127.47 u €4,261.61, dawn kellhom jaqraw €2,700.52, €2,474.36 u €3,608.50 rispettivament.

Di più, jinghad illi tant huwa minnu li ma hemm l-ebda taxxa dovuta lir-Registratur fil-kaz ta' kancellament ta' kawza, illi t-Tariffa A ma tipprovdix regola ghal din l-eventwalità bhalma taghmel it-Tariffa E.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Thassar u tirrevoka t-taxxa ta' din il-kawza hekk kif ikkalkolata fit-8 ta' Frar 2017, stante li din giet ikkalkulata skorrettament u/jew fuq regola erronja tal-ligi; u

2. Tordna li t-taxxa surriferit terga' tinhadem mill-gdid abbazi tal-principji hawn elenkati u l-valuri hawn fuq imsemmija jew abbazi ta' kalkolu jew somma verjuri kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, b'mod konformi mal-Artikoli indikati f'dan ir-rikors kemm tat-Tariffa A kif ukoll tat-Tariffa E.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati kollha ħlief ir-Reġistratur tal-Qrati li permezz tagħha eċċepew illi:

Din hija risposta tal-esponenti ghat-talba ghar-ritassar tal-kawza numru 716/2011 AF fl-ismijiet "Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et", minn liema kawza, fis-26 ta' Ottubru 2016, dina l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri u hassritha minn fuq il-listi taghha wara d-debita sentenza finali moghtija f'dik l-istess kawza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016 u dana skond ma jirrizulta mill-kopja tal-verbal relattiv li hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "JDM1".

Preliminarjament jinghad illi t-talba ghar-ritassa ta' l-Arkitett Vassallo et hija frivola, vessatorja u zejda u ghandha tigi michuda stante li l-punt dwar jekk il-kawza dwar ilment dwar agir f'kumpanija u li fiha hemm talba ghal likwidazzjoni ta' danni u li minnha johorgu valuri determinati u/jew determinabbli ghandhiex tigi ntaxxata *ad valorem* jew fuq punt ta' dritt gja gie ampjament trattat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament presjeduta fl-atti tal-kawza Rikors numru 1053/2013AE fl-ismijiet "*L-Arkitett Raymond Vassallo ID 107544 M u martu Mariella Vassallo ID 2649 (M) vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali*".

Permezz tad-decizjoni taghha tas-17 ta' Marzu 2014 f'dawk l-atti (Dok. "JDM2" anness) dina l-Onorabbli Qorti ddisponiet bit-talbiet tal-konjugi Vassallo hekk kif gej:-

> *"1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur fis-sens li r-rikorrenti kellhom iharrku bhala intimati lill-avukat u prokuratur legali ta' Windsor Holdings Limited.*
> *2.* ***Tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati li t-taxxa kellha ssir ad valorem.*** *(enfazi tal-esponenti)*
> *3. Tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-ritassa.*
>
> *Spejjez a karigu tar-rikorrenti."*

Dik il-konkluzjoni li wasslet ghaliha dina l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni taghha tas-17 ta' Marzu 2014 fl-atti tal-precitat Rikors 1053/2013AE "*L-Arkitett Raymond Vassallo ID 107544 M u martu Mariella Vassallo ID 2649 (M) vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali*", ghalkemm hija biss fir-rigward ta' dik il-parti tat-taxxa li taffettwa s-socjetà Windsor Holdings Limited u saret in segwitu ghall-estromissjoni taghha minn dik l-istess imsemmija kawza hija gusta u ben fondata fid-dritt u tapplika ukoll ghall-kaz odjern.

Jidher li l-Perit Vassallo ma kienx kuntent b'dik id-decizjoni tas-17 ta' Marzu 2014 u minnha interpona d-debitu appell, liema appell ghadu ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh.

Jidher li l-Perit Vassallo qed jipprova jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti biex terga' tesprimi ruhha fuq il-metodu gja stabbilit li a bazi tieghu jrid issir l-intaxxar tal-kawza numru 716/2011 AF fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*", minn liema kawza, fis-26 ta' Ottubru 2016, dina l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri u hassritha minn fuq il-listi taghha wara d-debita sentenza finali moghtija f'dik l-istess kawza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016, izda issa b'zieda tal-premessi li:

a. Ebda taxxa mhi dovuta lir-Registratur;
b. Il-kalkolazzjoni tat-Taxxa kellha tkun abbazi ta' Punt ta' Ligi u mhux *ad valorem*;
c. Il-kalkolazzjoni tat-Taxxa kellha ssir abbazi tal-Artikolu 27 tat-Tariffa E u 5(3) tat-Tariffa A;
d. Il-kalkolazzjoni tat-Taxxa tal-proceduri quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha ssir abbazi tal-Artikolu 27 tat-Tariffa E.

## **TAXXA DOVUTA LIR-REGISTRATUR TAL-QRATI U TRIBUNALI CIVILI – DOVUTA AD VALOREM**

Hija appuntu t-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kif *del resto* wiehed jista' jifhem anke min-nomenklatura

taghha ("Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja") li tipprovdi dwar il-mod li ghandhom jigu ntaxxati d-drittijiet dovuti lir-Registratur ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-kawzi kontenzjuzi. Difatti l-artikolu 3 ta' l-istess Tariffa A testwalment jghid:

*"3 (1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:"*

Minn harsa lejn l-intaxxar tar-Rikors Guramentat promotur tal-kawza precitata numru 716/2011 AF fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" (Dok. JDM3), wiehed jista' facilment jinduna li d-dritt ta' €291.17 esigit mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali Civili (ir-Registratur) fuq dak l-att ma kienx ibbazat fuq valur izda kien ibbazat fuq it-talbiet attrici skjetti hemm premessi, liema talbiet attrici testwalment kienu:

*"1. Tiddikjara u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qligh lis-socjetà Parade Limited u lis-socjetà sussidjarja taghha Windsor Holdings Limited bir-responsabbilità, fil-mizura u fl-ammonti li ghandhom jigu determinati mill-Qorti;*

*2. Tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk kawzati;*

*3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati;*

*4. Taghti ordni u provvediment iehor li jidhrilha xierqa.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi."*

Tali ntaxxar tar-Rikors Guramentat promotur tal-kawza precitata bin-numru 716/2011 AF (Dok. "JDM3") ma tfissirx illi wara skrutinju aktar akkurata kemm tal-att promotur u anke tal-atti l-ohra kollha tal-kawza mhux ser johrog valur determinabbli li fuqu r-Registratur jista' jistabilixxi dak dovut lilu u dak dovut lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-kontendenti … wara kollox huwa precizament l-intaxxar *ad valorem* li bhala regola generali jesigi l-ligi. Anke jekk mit-talbiet promoturi ma johrog ebda valur determinat, qatt mhu eskluz li aktar 'il quddiem tali valur jista' johrog wara skrutinju aktar fid-dettal u li dak il-valur jkun il-bazi tal-intaxxar tal-kawza.

Jirrizulta bl-aktar mod lampanti li hekk sehh fil-kawza odjerna. Fil-fatt, wara harsa akkurata lejn il-precitat Rikors Guramentat promotur tal-kawza precitata bin-numru 716/2011 AF (Dok. JDM3) jirrizulta li hemm, l-atturi ndikaw is-segwenti cifri taht l-intestatura "Lanjanzi u Danni", cioè:

- *"…… L-ispejjez zejda assocjati mat-traskuragni deskritta ilahhqu ghal madwar €500 fis-sena ghal dawn l-ahhar tlett snin – jigifieri kumulu ta' xi €1,500 sa Lulju 2011." [vide para. 8(iii)]*

- *"…… Parade Limited sofriet multi u penalitajiet ta' xi €11,000, waqt li l-kumpanija sussidjarja, Windsor Holdings Limited, sofriet multi simili ta' xi €8,000, cioè kumulu ta' xi €19,000 Ewro ghaz-zewg kumpaniji flimkien, sa Lulju 2011." [vide para. 8(iv)]*

- *"…… Id-danni sofferti mis-socjetà Windsor Holdings Limited minhabba traskuragni matul is-snin u dewmien biex jigu sottomessi l-kontijiet kemm minn Parlato Trigona u mbaghad mill-istess perit Carbonaro, ilahhqu s-somma ta' xi seba' u tletin elf Ewro (€37,000) – flimkien ma interessi li s-socjetà kienet tiffranka kontra d-debiti taghha, kieku dawn il-flus ingabru f'waqthom." [vide para. 8(v)]*

- *"…… L-abbuz fir-rigward tal-arretrati ta' kera dovuti mill-perit Edward Micallef ikkawza riduzzjoni fil-patrimonju ta' Parade Limited, permezz ta' telf lill-kumpanija Windsor Holdings ammontanti ghal xi ghoxrin elf Ewro (€20,000)." [vide para. 8(vi)]*

- *"…… L-abbuz  u l-malafidi johorgu aktar fic-car fil-kuntest tal-Artikolu 136A(1), (3b), (3c) tal-Kap. 386 (Company Act).  Dan l-abbuz wassal biex il-likwidità tas-socjetà tigi ridotta bl-ammont ta' xi ghoxrin elf Ewro (€20,000)." [vide para. 8(vii)]*

- *"…… Dan l-abbuz ikkawza danni lis-socjetà Parade Limited, kif ukoll danni diretti lis-socjetà Windsor Holdings Ltd. Ammontanti ghal xi erbat elef Ewro (€4,000)." [vide para. 8(viii)]*

- *"…… Id-danni konsegwenti ghal dan l-istat ta' stalemate, sa Lulju 2011, huma stmati li jlahhqu l-ammont ta' xi elf Ewro (€1,000)." [vide para. 8(ix)]*

- *"…… Id-danni li tista' ssofri l-kumpanija Windsor Holdings in konsegwenza tal-agir ta' Carbonaro fir-rigward tat-tlett kawzi riferiti jista' jlahhaq l-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000)." [vide para. 8(x)]*

Wiehed ma jridx wisq biex jghodd it-total ta' dawn ic-cifri kollha u jsib li dawn iwasslu ghas-somma komplessiva ta' xejn anqas minn €132,500.000!

Cioè nonostante, minn harsa lejn iz-zewg dokumenti prezentati mar-rikors promotur ta' din il-procedura ta' ritassa u li huma mmarkati bhala Dok. "D" u Dok. "E" jidher li meta r-Registraur wassal biex jintaxxa l-kawza precitata numru 716/2011 AF fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" wera (ingustament) hniena fuq l-atturi f'dik il-kawza u strah fuq l-affidavit tal-Arkitett Raymond Vassallo li jinsab a fol. 91 sa fol. 95 ta' dawk l-atti (u li kopja taghhom tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "JDM4), u senjatament ghal dik il-parti tal-istess li tinsab a fol. 94 u fol. 95 u minn harsa lejn liema fol. 94 u 95 jidher li r-Registratur

(tajjeb jew hazin) fehem li l-pretensjoni tal-Arkitett Raymond Vassallo, kienet ghas-somma komplessiva ta' hamsa u sebghin elf Ewro (€75,000) u bbaza l-intaxxar tieghu tal-kawza precitata numru 716/2011 AF fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" fuq dik ic-cifra.

A bazi ta' dak fuq spjegat, dina l-Onorabbli Qorti ghandha ssib li r-Registratur kien korrett meta ntaxxa d-drittijiet professjonali spettanti lill-istess Registratur rigwardanti l-kawza numru 716/2011 AF fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" fuq bazi *ad valorem*.

## INTAXXAR TAD-DRITTIJIET SPETTANTI LILL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI TAL-KONTENDENTI – ISSIR AD VALOREM

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-intaxxar tad-drittijiet spettanti lill-avukati u prokuraturi legali tal-kontendenti japplika t-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Di fatti hija t-Tariffa E tal-istess Skeda A li tipprovdi dwar kif ghandhom jigu intaxxati d-"Drittijiet li jitħallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "*ex officio*"".

L-artikolu 13 ta' l-istess Tariffa E tal-istess Skeda A testwalment jghid:

**13.** Għal kull sentenza definittiva:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ....................................... | €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla |
| (ii) | dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull €232.94 .................................... | €6.99 |
| (iii) | dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94 ..... | 2.33 |

Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (*b*) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha.

Ta' daqstant importanza huwa l-artikolu 14 ta' l-istess Tariffa E tal-istess Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan testwalment jghid:

> 14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

Ghalhekk nonostante dak kollu li jghid r-rikorrent Perit Vassallo et, meta' jigi biex jintaxxa d-drittijiet spettanti lill-avukati u prokuraturi legali tal-kontendenti ta' kawza, r-Registratur huwa obbligat li jsegwi r-regolamenti citati f'dawn l-artikoli hekk kif *del resto* huwa obbligat jsegwi r-regolamenti l-ohra citati fit-Tariffi fl-istess skeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Jidher bic-car li l-Perit Vassallo et qed jipprova jevitaw intaxxar fuq bazi *ad valorem* tal-kawza numru 716/2011 AF fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Palato Trigona et*". Jghid x'jghid, l-intensjoni tal-legislatur tant hija cara li kull kawza ghandha tigi ntaxxata *ad valorem* li l-artikolu 4(1)(f) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 jghid:

> "4 (1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jiġi intaxxat skont ir-regoli li ġejjin: ...
>
> ...
>
> (f) F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna oħra, liema dritt wieħed għandu raġonevolment jassumi li jiġi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet mitluba fit-talba, l-attur għandu, flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-

> dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur."

Mill-istess kopja tar-Rikors Guramentat (Dok. "JDM3"), promotur tal-proceduri mertu tat-taxxa *de quo*, senjatament a fol. 8 ta' l-istess jirrizulta li t-talba numru 3 ta' l-istess hija appuntu sabiex dina l-Onorabbli Qorti "tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati".

Cioè nonostante, il-Perit Vassallo, fir-rikors promotur ta' din il-procedura ta' ritassa ddikjara li l-intaxxar tad-drittijiet professjonali spettanti lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-kontendenti rigwardanti l-kawza numru 716/2011 AF fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" kellha tigi kkalkolata abbazi tar-Regola 15 tat-Tariffa "A" tal-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta – cioè abbazi ta' punt ta' ligi u mhux *ad valorem*.

Din il-premessa hija inammissibbli zbaljata kif fuq inghad u a bazi ta' dak fuq spjegat, dina l-Onorabbli Qorti ghandha ssib li r-Registratur tal-Qrati u Tribunal Civili kien korrett meta ntaxxa d-drittijiet professjonali spettanti lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-kontendenti rigwardanti l-kawza numru 716/2011 AF fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" fuq bazi *ad valorem*.

**<u>INTAXXAR TAD-DRITTIJIET SPETTANTI LIR-REGISTRATUR TAL-QRATI U TRIBUNALI CIVILI – GIET IKKALKULATA SKOND L-ARTIKOLU 5(3) TAT-TARIFFA A</u>**

Minn harsa lejn il-precitat artikolu 5(3) tat-Tariffa A wiehed facilament ghandu jinduna li l-ghoti tan-nofs tad-dritt stabbilit f'dik it-Tariffa japplika BISS "f'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza".

Jirrizulta bl-aktar mod lampanti kopja tal-*white cards* annessi mar-rikors promotur tal-kawza odjerna u li huma hemm imamrkati bhala Dokumenti "D" u "E" li d-drittijiet dovuti lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili inhadmu fuq nofs is-

somma determinata mir-Registratur ghall-finijiet ta' intaxxar tal-kawza, cioè fuq nofs €75,000!!!

Ghalhekk jidher li l-ilment tal-Arkitett Vassallo li l-kalkolazzjoni tad-drittijiet spettanti lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali Civili ma saritx skond l-Artikolu 5(3) tat-Tariffa A hija bla bazi u hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

## INTAXXAR TAD-DRITTIJIET SPETTANTI LILL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI TAL-KONTENDENTI SKOND L-ARTIKOLU 28 TAT-TARIFFA E

Skond l-atturi d-dritt tal-avukati u tal-prokuraturi legali kellu jkun ta' terz ta' dak stabbilit fil-paragrafu 13 u mhux nofs bhalma gie kkalkulat, u dana bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dak li l-atturi mhumiex jifhmu bir-rispett kollu hu li l-artikolu 28 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet jghodd ghal dawk il-kazi fejn il-kawza MA TITKOMPLIX, fil-fatt dan jghid:

> *"28. Meta kawza ma titkompliex fil-qorti tal-ewwel grad jew ta' grad ta' appell:*
>
> > *(i) Wara li r-rikors ikun gie pprezentat, jinghata lill-Avukat tal-attur terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawza tkun taxxabbli ad valorem.*
> >
> > *(ii) Wara li l-eccezzjonijiet jew ir-risposta jkunu tlestew jinghata lill-Avukat tal-konvenut terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawza tkun taxxabbli ad valorem."*

Jirrizulta bl-aktar mod car li effettivament kienet is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru (Dok. "C" anness mar-Rikors promotur ta' din il-procedura ta' ritassa) li ddisponiet BIZ-ZEWG istanzi, u dana meta ppronunzjat ruhha hekk:

*"Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Carbonaro u l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konjugi Parlati Trigona, tiddikjara illi l-azzjoni kif proposta hija ainammissibbli, konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju."*

Jigi mfakkar li dik id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016 segwiet is-sentenza *in parte* moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Mejju 2015 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. "JDM5").

Ghalhekk, rinfaccata bis-sentenza finali fuq l-eccezzjonijiet preliminari li taw tmiem ghall-kawza bin-numru 716/2011 AF, dina l-Onorabbli Malta (sic.) ma kellha xejn aktar x'taghmel milli tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza u tikkancellaha minn fuq il-lista – proprju ghaliex il-kawza 716/2011 AF giet li tmiemha mal-ghotja tas-sentenza finali mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016 u ghal ebda raguni ohra!!!

Ghalhekk id-dritt tal-avukati u tal-prokuraturi legali m'ghandux ikun terz ta' dak stabbilit fil-paragrafu 13, u daqstant iehor ghalhekk m'ghandux jkun applikat l-artikolu 28 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>INTAXXAR TAD-DRITTIJIET SPETTANTI LIR-REGISTRATUR TAL-QRATI U TRIBUNALI CIVILI FUQ BAZI TA' KAWZA KANCELLATA</u>**

Skond l-atturi, la l-kawza giet kancellata allura m'ghandux ikun hemm intaxxar tad-drittijiet a favur tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili – ghaliex skond huma l-kawza giet kancellata u ghaliex skond huma (para. 27) it-Tariffa A ma tipprovdix regola ghal din l-eventwalità bhalma taghmel it-Tariffa E.

Kif inghad supra, jirrizulta bl-aktar mod car li effettivament kienet is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-

30 ta’ Settembru 2016 (Dok. "C" anness mar-Rikors promotur ta’ din il-procedura ta’ ritassa) li ddisponiet BIZ-ZEWG istanzi.

Jigi mfakkar li dik id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Settembru 2016 (Dok. "C" anness mar-Rikors promotur ta’ din l-procedura ta’ ritassa) kienet segwiet sentenza in parte moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta’ Mejju 2015 (Dok. "JDM5").

Ghalhekk, rinfaccata bis-sentenza finali fuq l-eccezzjonijiet preliminari li taw tmiem ghall-kawza bin-numru 716/2011 AF, dina l-Onorabbli Qorti ma kellha xejn aktar x’taghmel milli tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza u tikkancellaha minn fuq il-lista – proprju ghaliex il-kawza 716/2011 AF giet fi tmiemha mal-ghotja tas-sentenza finali mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Settembru 2016.

Ghalhekk id-dritt tar-Registratur m’ghandux jigi ntaxxat fuq bazi ta’ kawza kancellata.

Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghal dak precitat ghal dak li ghandu x’jaqsam mad-drittijiet spettanti lir-Registratur in konnessjoni ma’ kawzi kancellati, jinghad is-segwenti, cioè:

a. Huwa l-artikolu 3 tat-Tariffa A li jistabilixxi r-regola li ghandha tigi applikata fuq bazi generali. Artikoli ohra fl-istess Tariffa jipprovdu ghal eccezzjonijiet ghal dik ir-regola.

b. Bhal ma tipprovdi d-duttrina – lex specjalis derogat lex generali – huwa biss provvediment legali specjali li jippermetti deroga mill-procedura generali.

c. La ma hemm l-ebda regola fit-Tariffa A li tipprovdi ghad-deroga mid-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tal-istess Tariffa A allura anke f’kaz ta’ kancellament ta’ kawza jigu ntaxxati a favur tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili d-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tal-istess Tariffa A.

Ghaldaqstant it-talba attrici ghat-thassir u ghar-revoka tal-intaxxar tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali tal-kontendenti u anke ta' dawn tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili fir-rigward tal-kawza bin-numru 716/2011 AF u anke t-talba tal-atturi ghall-intaxxar mill-gdid tal-istess drittijiet ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull dritt iehor spettanti lill-esponenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-attur rigward il-kawza numru 716/2011 AF u l-eccipjenti jissottometti illi t-talbiet attrici odjerni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *inter alia* minhabba s-segwenti ragunijiet:

Preliminarjament jinghad illi t-talba ghar-ritassa tal-Arkitett Vassallo et hija frivola, vessatorja u zejda u ghandha tigi michuda stante li l-punt dwar jekk kawza dwar ilment dwar agir f'kumpannija u li fiha hemm talba ghal likwidazzjoni ta' danni u li minnha johorgu valuri determinati u/jew determinabbli ghandhiex tigi ntaxxata *ad valorem* jew fuq punt ta' dritt gja gie ampjament trattat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament presjeduta fl-atti tal-kawza Rikors numru 1053/2013AE fl-ismijiet "L-Arkitett Raymond Vassallo ID 107544M u martu Mariella Vassallo ID 2649M vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali".

Fil-meritu l-esponenti qed joggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti u ser iwiegeb seriatim ghat-talbiet tieghu kif gej:

<u>Ebda taxxa dovuta lir-Registratur</u>

Ir-rikorrenti, fl-ilment li ma hija dovuta ebda taxxa lir-Registratur, issemmi l-artikolu 9(1) tat-Tariffa A kif ukoll l-

Artikolu 9(2) u jkompli jghid li ma hemmx provvediment iehor ghal xi taxxa ohra pagabbli fir-Registru.  Dan l-argument mhux preciz.

Ir-rikorrenti jsemmi mbaghad l-artikolu 4(3) u jargomenta illi la darba ma nghatax sentenza f'din il-kawza allura mhix dovuta sentenza ghaliex fl-istess artikolu hemm miktub "wara s-sentenza finali".

Dan l-artikolu (art. 4(3)) ghandu jinqasam fi tnejn u cioè l-ewwel parti li titkellem dwar tassazzjoni wara s-sentenza finali, u t-tieni parti u cioè mill-kliem "u jekk fi tmiem il-proceduri l-valur jibqa' ma jigix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet…".  Illi din it-tieni parti tipproponi li jekk il-partijiet jew il-qorti tibqa' ma tillikwidax ammont il-kawza tigi ntaxxata fuq il-minimu mizjud €600 u jekk lir-Registratur jirrizultalu valur dejjem ikun jista' johrog taxxa addizzjonali.  F'dan il-kaz il-valur jirrizulta mill-atti (ara affidavit tar-rikorrenti a fol. 94 u 95 tal-process) u ghalhekk ir-Registratur ghandu kull dritt li jintaxxa l-kawza fuq dak il-valur.  La darba r-Registratur ghandu dritt li johrog taxxa addizzjonali u jirrizulta li d-dritt intaxxat jkun oghla minn dawk imhallsa fil-bidu tal-kawza, huwa jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza; ghalhekk l-argument tar-rikorrenti m'ghandux bazi legali u ghandu jigi michud.

<u>Kalkolazzjoni tat-Taxxa abbazi ta' Punt ta' Ligi jew Punt ta' Fatt</u>

L-ammont li fuqu nhadmet it-taxxa jirrizulta mill-affidavit tar-rikorrent a fol. 94 u 95 tal-kawza 716/2011 u cioè li huwa ta' €64,000 u €11,000.  Illi tezisti skorta ta' gurisprudenza li jghidu li meta l-ammont ma jkunx illikwidat t-taxxa ghandha ssir fuq il-pretensjoni tal-attur.  Is-sentenza Gustavo Micallef et vs Eleonora Micallef et (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Lulju 1946) tghid hekk:  "meta mill-kumpless tal-kontestazzjoni jkun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata".  Hekk sar f'dan il-kaz u ghalhekk dan l-ilment ukoll ghandu jigi respint.

Apparti l-ewwel talba, l-esponenti ghamel diversi talbiet ohra fosthom il-kundanna tar-responsabbilità, il-likwidazzjoni ta' danni u l-kundanna ghal hlas ta' tali danni.

Jinghad ukoll illi "f'kawza fejn tigi mitluba dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghal danni sofferti mill-attur, li ghandhom jigu likwidati fl-istess kawza jew f'gudizzju separat, illi t-tassazzjoni ghandha tigi regolata mit-talba jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir "ad valorem", u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni". (Carmelo Axiak vs Av Dr Giuseppe Vella noe et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951).

Dawn it-talbiet jaghmlu tali kawza taxxabbli *ad valorem* skond il-para. 3 tat-Tariffa A u l-para. 14 tat-Tariffa E annessi mal-Kap. 12.

Ir-rikorrenti jghid ukoll illi din il-kawza kellha tigi ntaxxata skond il-para. 15 tat-Tariffa E u cioè sa massimu ta' €232.94 peress li din il-kawza kienet tirrigwarda punt ta' ligi. F'dan il-kaz, anke jekk din il-Qorti kellha tiddeciedi li r-rikorrenti ghandu ragun, u din il-kawza kellha tigi ntaxxata bhala punt ta' ligi il-massimu ta' €232.94 hija ghal kull talba maghmula u ghaldaqstant f'din il-kawza kien hemm erba' talbiet. Ghalhekk il-massimu ta' €232.94 tista' tinghata ghal kull talba hemm imsemmija u mhux kif qed jghid ir-rikorrenti li l-massimu taxxabbli huwa ta' €232.94.

Dan il-paragrafu (15) gie fil-fatt applikat fit-talbiet l-ohra u r-registratur uza d-diskrezzjoni tieghu billi ntaxxahom kif jghid l-istess paragrafu bejn €23.29 u €232.94.

Kalkolazzjoni tat-Taxxa abbazi tal-Artikolu 27 tat-Tariffa E u 5(3) tat-Tariffa A

It-taxxa tal-kawza nhadmet fuq l-ammont ta' €75,000 però gie applikat l-artikolu 5(1) tat-Tariffa A u d-dritt tar-registru gie mnaqqas bin-nofs.

Fil-fatt kif qed jghid ben tajjeb ir-rikorrenti, meta f'kaz ta' liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, jekk il-kawza ma tkunx inqatghet fuq il-meritu principali, l-avukat jinghata nofs id-dritt kif stabbilit bl-artikolu 13.

F'dan il-kaz, id-deputat registratur, hekk ghamlet, hadmet fuq dan il-kuncett. Il-problema f'dan il-kaz, illi giet skoperta biss issa f'din il-kawza ta' ritassa, kienet, illi bi zvista d-deputat registratur minflok hadmet id-dritt tal-avukat shih u qasmet id-dritt b'nofs, qasmet nofs il-valur tad-danni reklamati minn €75,000 ghal €37,500 u ghalhekk meta nhadmet il-formola skond l-artikolu 13 tal-iskeda A tat-Tariffa E tal-Kap. 12, hemm diskrepanza zghira. Fil-fatt, fejn nofs id-dritt tar-registru fuq il-valur ta' €75,000 kellu jkun €840.25 u d-dritt avukat kellu jkun €648.70, id-deputat meta hadmet fuq €37,500 l-ammonti gw €968 u €922.40.

L-esponenti jirrileva illi, kieku r-rikorrenti avvicina lir-Registratur li f'din it-taxxa seta' kien hemm zball rigward dan il-punt biss, ir-Registratur kien jaghmel dawk l-aggustamenti necessarji stante li hawn si tratta ta' zball amministrattiv u mhux zball dwar il-principji tat-taxxa adoperata. Tali dritt johrog car fis-sentenza Laferla vs Scicluna (Appell 29 ta' Mejju 1998).

Wiehed ghandu wkoll izomm quddiem ghajnejn dak li qalet din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-sentenza "Dr. Tiziana Micallef et vs Registratur, Qrati Civili u Tribunali" deciza nhar il-25 ta' Mejju 2017 fejn irrilevat "… li minkejja li huwa minnu li r-Registratur kien accetta li t-taxxa ma kienitx tajba u riedet tigi aggustata, l-korrezzjoni baqghet ma saritx tant illi kellha ssir din il-kawza". Kieku l-attur avvicina lill-esponenti dwar dan il-punt kieku l-esponenti kien ikun f'posizzjoni li jirranga t-taxxa u kienu ghalhekk jigu evitati spejjez u kawza ta' ritassa bla bzonn.

F'dan il-kaz l-esponenti ma gibidx l-attenzjoni tar-Registratur ghal tali nuqqas u qabad u intavola din il-kawza. Dan ghandu jigi kkunsidrat fil-kap tal-ispejjez.

D. Kalkolazzjoni tat-Taxxa abbazi tal-Artikolu 28 tat-Tariffa E

L-esponenti jaqbel mar-rikorrent li l-kawza quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili giet ikkancellata però mhux jaqbel mar-ragunament tal-metodu tat-tassazzjoni.

Fis-sentenza **Avv. Dr. Arturo Valenzia vs Avv. Dr. Luigi Pace noe. Qorti tal-Appell (Inf.) 15 t'April, 1950** li tittratta kif ghandha ssir taxxa wara kancellament ta' kawza tghid hekk: "*Ghalhekk sewwa ddecidiet l-ewwel qorti meta applikat ghall-kaz tal-kancellament it-tassazzjoni stabbilita ghas-sentenzi skond l-art. 34 (illum 43*[1]*) fuq imsemmi. Certament ma jista' qatt ikun applikabbli ghall-kaz ta' kancellament is-subartikolu (b) u (c)*[2] *ta' dak l-art. 34 ghax il-kancellament ma ghandux jaqsam la ma' cessjoni u lanqas ma rinunzja ghall-attijiet*".

Is-sentenza fuq imsemmija tekwivali kawza li tigi kkancellata minn fuq il-lista tal-kawzi bhala kawza li tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-artikolu li qed jirreferi ghalih ir-rikorrenti u cioè artikolu 28 tat-Tariffa E dejjem gie applikat f'dawk il-kazijiet fejn ikun gie pprezentat ir-rikors gurament u/jew ir-risposta guramentata u tkun ghadha ma gietx appuntata ghas-smigh il-kawza – meta, fil-fatt, ma jkun sar xejn fil-kawza hlief il-prezentata ta' dawk l-atti. F'dan il-kaz mhux biss gew ipprezentati r-rikors u r-risposti guramentati imma saru seduti, sottomissjonijiet u nghatat decizjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Ir-rikorrenti jsostni li peress li t-Tariffa E ma tipprovdix ghal taxxa f'kaz ta' kancellament allura mhix dovuta taxxa. Bir-rispett kollu l-esponenti ma jaqbel xejn ma din l-asserzjoni. Il-fatt li ma jipprovdix ifisser li allura kawza kancellata ghandha

---

[1] Dan l-artikolu jirreferi ghall-intaxxar ad valorem quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

[2] Dawn is-subartikolu jirreferu ghall-intaxxar f'kaz ta' transazzjoni jew cessjoni tal-kawza.

tigi ntaxxata fuq it-talbiet daqs li kieku giet deciza kif fuq kollox tghid is-sentenza fuq citata.

Ghalhekk ma jaghmilx sens guridiku dak li qed isostni r-rikorrent anzi jekk ghandha ssir ritassa l-ammont intaxxat ghandu jizdied u mhux jonqos.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom ilkoll jigu michuda salv li l-qorti tordna l-korrezzjoni tal-metodu tat-taxxa kif fuq inghad. Peress li r-rikorrenti ma avvicinax lill-esponenti sabiex tali korrezzjoni ssir, liema korrezzjoni ma kienetx ser tigi negata, l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jintrefghu fl-intier taghhom mill-istess rikorrenti.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u tal-intimati kollha ħlief id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għal ritassa. Ir-rikorrenti qegħdin jimpunjaw it-taxxa finali maħruġa mir-Reġistratur intimat fil-kawża fl-ismijiet Arkitett Raymond Vassallo pro et noe et vs Anthony Parlato Trigona et (716/2011 AF) liema kawża kienet ġiet kanċellata minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru 2016 wara li l-Qorti tal-Appell sabet illi l-azzjoni kif proposta kienet inammissibbli u għaldaqstant, illiberat lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju. Skont ir-rikorrenti i) l-ebda taxxa addizzjonali ma hija dovuta lir-Reġistratur ii) it-taxxa relattiva kellha tinħadem abbażi ta' punt ta' liġi u mhux *ad valorem*; iii) fi kwalunkwe każ il-kalkolazzjoni tat-taxxa saret ħażin u li iv) l-kalkolazzjoni tat-taxxa kella ssir abbażi tal-paragrafu 28 tat-Tariffa E.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fil-każ fl-ismijiet Speranza Gatt et vs Avukat Dottor Albert Libreri et, tat-18 ta' Frar 2010, intqal hekk dwar din ix-xorta ta' azzjoni:

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss;*

*Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bħal dik tista' tkun attakkata. Bħalma jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħrajn, huwa meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak;*

*Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li*

*f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."*

L-ewwel ilment tar-rikorrenti huwa li r-Reġistratur intimat ma jistax jitlob taxxa addizzjonali wara t-tmiem tal-proċeduri.

Il-paragrafu 4(3) tat-Tariffa A jaqra hekk:

*"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ."*

Filwaqt illi huwa veru li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda sentenza finali ta' din il-Qorti, in kwantu li l-kawża ġiet kanċellata minn fuq il-lista stante l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell, it-tieni parti ta' dan il-paragrafu jipprovdi ċar u tond illi r-Reġistratur għandu d-dritt li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ fi tmiem il-proċeduri, u allura, l-ilment tar-rikorrenti ma jreġix.

Ir-rikorrenti jilmentaw imbagħad illi kemm id-dritt intaxxat favur ir-Reġistratur intimat kif ukoll dak intaxxat fuq is-sentenza finali favur l-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet kellu fil-fatt jiġi ntaxxat bħala punt ta' liġi u mhux *ad valorem*. Dan peress illi skont ir-rikorrenti, il-kawża kienet waħda għal rimedju taħt l-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji, filwaqt li t-talba għal responsabbiltà u likwidazzjoni ta' danni kienet biss waħda anċillari għat-talba prinċipali. Ir-rikorrenti jkomplu billi jilmentaw illi wara kollox, il-kawża ġiet deċiża fuq punt ta' liġi, u ċioè li r-rikorrenti ma kellhomx dritt jaġixxu bl-azzjoni

proposta minnhom. Iżidu jgħidu wkoll li ma ngħata l-ebda valur ċert għad-danni pretiżi.

Mill-atti jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża 716/2011 AF kienu dawn:

1. *"tiddikjara u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qligh lis-socjeta Parade Limited u lis-socjeta sussidjarja taghha Windsor Holdings Limited bir-risponsabilita', fil-misura u fl-ammonti li ghandhom jigi determinati mill-Qorti;*

2. *tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk kawzati;*

3. *tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati;*

4. *taghti ordni u provvidement iehor li jidhrulha xierqa.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta` kull dritt u azzjoni fil-Ligi."*

Dan wara li r-rikorrenti premettew fir-rikors tagħhom li huma sofrew telf konsistenti fis-segwenti:

> "***Kotba ta' minuti mhux mizmuma:*** *...L-ispejjes zejda assocjati mat-traskuragni deskritta ilahhqu ghal madwar €500 fis-sena ghal dawn l-ahhar tlett snin – jigifieri kumulu ta' xi €1,500 sa Lulju 2011....*
>
> ***Multi kkawzati minn traskuragni fit-thejjija ta' Financial Statements u tas-sottomissjoni taghhom lill-awtoritajiet:*** *.... Per konsegwenza, Parade Limited soffriet multi u penalitajiet ta' xi €11,000, waqt li l-kumpanija sussidjaraja, Windsor Holdings Limited, soffriet multi simili ta' xi €8,000, cioe' kumulu ta' xi €19,000 euro ghaz-zewg kumpaniji flimkien, sa Lulju 2011....*
>
> ***Dereliction of Duties - sfruttament tal-infrastruttura ta' Windsor Holdings in konnessjoni ma hrug ta'***

***visas ghat-Tailandja:*** *... Id-danni sofferti mis-socjeta Windsor Holdings Limited minhabba traskuragni matul is-snin u dewmien biex jigu sottomessi l-kontijiet kemm minn Parlato Trigona u mbaghad mill-istess perit Carbonaro, ilahhqu s-somma ta' xi seba w tletin elf ewro (€37,000) - flimkien ma interessi li s-socjeta kienet tiffranka kontra d-debiti taghha, kieku dawn il-flus ingabbru f'waqthom....*

***Kolluzjoni bejn l-imputati - arretrati ta' kera dovuta mill-intimat perit Edward Micallef ma jaslux ghand is-socjeta Windsor Holdings Limited:*** *.... L-abbuz fir rigward tal-arretrati ta' kera dovuti mill-perit Edward Micallef ikkawza riduzzjoni fil-patrimonju ta' Parade Limited, permezz ta' telf lil-Kumpanija Windsor Holdings ammontanti ghal xi ghoxrin elf ewro (€20,000)....*

***Kolluzjoni bejn l-imputati - arretrati ta' kera dovuta mill-intimat perit Edward Micallef ma jaslux ghand is-socjeta Windsor Holdings Limited:*** *...L-abbuz u l-malafidi johorgu aktar fic-car fil-kuntest tal-Artikolu 136A(1), (3b), (3c) tal-Kap 386 (Company Act). Dan l-abbuz wassal biex il-likwidita tas-socjeta tigi ridotta bl-ammont ta' xi ghoxrin elf ewro (€20,000).....*

***Hlasijiet ta' krediti foloz u holqien ta' precedenti abusivi ghal skopijiet ulterjuri:*** *.... Dan l-abbuz ikkawza Danni lis-socjeta Parade Limited, kif ukoll danni diretti lis-socjetà Windsor Holdings Ltd. ammontanti ghal xi erbat elef ewro (€4,000)....*

***Laqghat tal-Bord ta' Windsor Holdings Limited ostakolati – kumulu gdid ta' multi:*** *...Id-danni konsegwenti ghal dan l-istat ta' stalemate, sa Lulju 2011, huma stmati li jlahhqu l-ammont ta' xi elf ewro (€1,000)....*

***Azzjonijiet u/jew ommissjonijiet ohra malizzjuzi, li jinvolvu kawzi sekondarji:*** *...Id-danni li tista ssofri l-kumpanija Windsor Holdings in konsegwenza tal-agir ta' Carbonaro fir-rigward tat-tlett kawzi riferiti jista jlahhaq l-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000)...."*

Il-paragrafu 3 tat-Tariffa A jirregola d-dritt *ad valorem* li għandu jiġi ntaxxat favur ir-Reġistratur intimat, u ċioè:

> "*B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prim Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu...*"

Il-paragrafu 13 tat-Tariffa E jirregola d-dritt li għandu jiġi ntaxxat *ad valorem* fuq is-sentenza finali favur l-avukati tal-partijiet meta l-kawża tkun dwar somma flus. Il-paragrafu ta' wara jipprovdi illi meta d-deċiżjoni tkun dwar punt ta' fatt jew ta' liġi imma jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattiv għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13. A tenur tal-paragrafu 40, il-prokuraturi legali huma intitolati għal terz tad-dritt stabbilit fit-Tariffa għall-avukati.

Da parti tagħhom, l-intimati jirribattu dan l-argument tar-rikorrenti billi jeċċepixxu li l-kwistjoni dwar jekk kawża li saret skont l-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji kellhiex tiġi ntaxxata fuq punt ta' dritt jew *ad valorem* ġiet ampjament trattata u deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċeduri ta' ritassa fl-istess ismijiet (rikors numru 1053/2013 AE), deċiża fis-17 ta' Marzu 2014, liema proċeduri kienu ġew inizjati mir-rikorrenti sabiex jattakkaw it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur intimat wara li fil-proċeduri 842/2009 JZM fl-ismijiet Arkitett Raymond Vassallo pro et noe et vs Anthony Parlato Trigona et, is-soċjetà Windsor Holdings Limited kienet ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta, sa fejn kienet tirrigwarda l-punt dwar jekk it-taxxa relattiva kellhiex tinħadem fuq punt ta' dritt jew *ad valorem* ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha riċenti tal-31 ta' Mejju 2019 fejn gie ritenut illi:

*"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ladarba l-valur tad-danni reklamati mill-appellanti jirrizultaw daqstant cari mir-rikors promotur fil-kawza 842/2009, fil-fehma ta din il-Qorti, ghamel sew id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali li hadem it-taxxa ad valorem peress li l-pretensjoniet tal-appellanti f'dawk il-proceduri jirrizultaw mit-talbiet taghhom fl-istess kawza. Kwindi huma l-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E, li japplikaw ghall-kaz in ezami u mhux il-paragrafu 15, kif jikkontendu l-appellanti."*

Fil-każ in ezami, minkejja dak li jsostnu r-rikorrenti, huwa ċar illi l-valur seta' jiġi ntaxxat mill-att innifsu kif titlob it-Tariffa. Għal finijiet ta' tassazzjoni, huwa irrelevanti jekk id-deċiżjoni tkunx biss dwar punt ta' dritt. Jidher għalhekk li l-kontroversja dwar jekk it-taxxa impunjata kellhiex tinħadem abbażi ta' punt ta' dritt jew *ad valorem* hija llum sorvolata u din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha titbiegħed mill-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell, li tapplika bi sħiħ kemm għad-dritt tar-reġistru kif ukoll għall-intaxxar tad-dritt *ad valorem* favur l-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet.

Għar-raġunijiet imfissra tant tajjeb mill-Qorti tal-Appell, din il-Qorti ser tkompli billi żżid tgħid li lanqas huwa l-każ illi t-taxxa kellha tinħadem abbażi ta-regola 4(2) tat-Tariffa għaliex mhuwiex il-każ li l-valur baqa' inċert jew mhux likwidu u wisq anqas huwa l-każ li l-valur baqa' ma ġiex iddikjarat jew determinat kif irid il-paragrafu 4(3). L-argument tar-rikorrenti fis-sens illi qatt ma ngħataw valuri ċerti ma jfissirx illi l-kawża kellha tiġi ntaxxata fuq punt ta' liġi. Fuq kollox, kienu r-rikorrenti li għażlu li jagħtu valuri approssimattivi u kien allura fuq dawn il-valuri li ried jikkalkola t-taxxa r-Reġistratur intimat. Hu evidenti li t-talba tar-rikorrenti m'għandhiex valur inċert jew indeterminat in kwantu t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur intimat hi intrinsikament marbuta ma' valur li r-rikorrenti ppretendew fil-kawża.

Kif proprju ntqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ta' Gustavo Micallef et vs Eleonora Micallef et, tal-24 ta' Lulju 1946:

*"Il-kelma "domanda" ma għandhiex biss is-sens limitat tal-pretiża kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, imma anki s-sens, "in subjecta materia", tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni. L-attur jista' jiddetermina l-pretensjoni tiegħu anke bi skritturi oħra fil-proċess, u allura l-kuntrast fuq dik il-pretensjoni jsir il-veru "disputatum" li għandu jitqies il-valur tiegħu għall-finijiet tat-tassazzjoni."*

Fil-kawża fl-ismijiet Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit et, tal-15 ta' Lulju 2009, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

*"It-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens tal-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951". Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Civili, 17 ta' April, 1978."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Francis Saliba et vs Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex et, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-15 ta' April 2009, intqal hekk fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 14 tat-Tariffa E:

*"Il-fatt li ma tkunx ingħatat sentenza fuq id-dikjarazzjoni ma jbiddel xejn. Il-kelma 'dikjarazzjoni' qiegħda tirreferi għat-talba li tkun saret fir-rikors ġuramentat jew talba rikonvenzjonali. Jidher li t-tassazzjoni tiġi regolata mit-talba. Il-fatt li skont dan il-paragrafu l-valur jista' jkun determinabbli mill-proċess, tirrifletti dak li qabel kienet tipprovdi għaliha l-ġurisprudenza fis-sens "... meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċioe għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-quod disputatume est, li jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess." (Carmelo Axiak vs Avukat Dr Giuseppe Vella et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1951 – Vol. XXXV.ii.361). Fil-każ in eżami, fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konjugi Saliba kienu ddikjaraw, fil-parti ntestata 'Likwidazzjoni tas-Serviġi' li l-ammont li kellu jitħallas bħala serviġi kien fis-somma ta' €301,928. Hekk per eżempju fil-kawża Lawrence Manche vs l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre et deċiża fl-20 ta' Marzu 1989, il-Qorti kkonfermat li l-valur jista' jiġi stabbilit mill-massa litiġjuża u bbażat il-quantum fuq l-ammont tad-danni li ppretenda l-attur fil-mandat ta' sekwestru pendenti l-kawża."*

Finalment, fis-sentenza fl-ismijiet Adelaide Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Marzu 2009, ġie ritenut li:

*"F'dan is-sens hija relevanti s-sentenza fl-ismijiet "Salvino Ellul Bonnici vs Dr. Edgar Buhagiar et" (A.C.– 7 ta' Ottubru 1960) fejn inghad li l-valur tal-kawza tant ghall-finijiet ta' kompetenza kemm ghall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew interess pekunarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu tal-kawza, ghaliex hawn qed issir riferenza biss ghal dak li huwa l-interess guridiku, li huwa ben differenti mit-talbiet attwalment imposti. Dan huwa iktar relevanti f'dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Albert Bezzina Wettinger vs r-*

*Registratur tal-Qorti et" (P.A. (JRM) – 5 ta' Gunju 2003) li kawza tigi intaxxata ad valorem meta jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, tant li inghad li 'fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma wkoll minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti". F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza "Carmelo Axiak vs Dr. Giuseppe Vella nomine et" (Vol. XXXV.ii.361)."*

Ir-rikorrenti imbagħad jilmentaw illi l-kalkolazzjoni saret ħażin in kwantu li filwaqt illi l-paragrafu 5(3) tat-Tariffa A u l-paragrafu 27 tat-Tariffa E jipprovdu li f'każ ta' ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju, id-dritt kellu jiġi mnaqas bin-nofs, il-kalkolazzjoni saret minflok billi d-dritt sħiħ ġie kkalkolat fuq nofs id-danni reklamati bir-riżultat illi ġie ntaxxat dritt ogħla milli kieku nħadem skont ma jgħidu t-tariffi.

Fir-risposta tiegħu, ir-Reġistratur intimat jikkonferma li r-rikorrenti għandhom raġun dwar dan l-ilment tagħhom u li allura t-taxxa għandha terġa tinħadem mill-ġdid in linea ma' dak li jipprovdu dawn iż-żewġ paragrafi. Il-Qorti qiegħda għalhekk tordna lir-Reġistratur jaħdem it-taxxa mill-ġdid sabiex jirrettifika dan l-iżball.

L-intimat ikompli billi jeċċepixxi li dan kien biss żball amministrattiv u allura m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dan l-episodju. Madanakollu, il-Qorti qiegħda tirrespinġi dan l-argument in kwantu li minkejja li l-intimat ilu sa minn meta ġew intavolati dawn il-proċeduri jaf b'dan l-iżball, ma jirriżultax illi fil-mori tal-kawża ħa xi passi sabiex jagħmel il-korrezzjoni meħtieġa.

Finalment, ir-rikorrenti jikkontendu li fi kwalunkwe każ, għal dak li għandu x'jaqsam mad-dritt tal-avukat, it-taxxa in kwistjoni kellha filfatt tinħadem skont ma jipprovdi l-paragrafu 28 tat-Tariffa E, ladarba l-proċeduri ġew kanċellati minn fuq il-lista. Dan il-paragrafu jaqra hekk:

*"Meta kawża ma titkompliex fil-qorti tal-ewwel grad jew ta' grad ta' appell:*

*(i) wara li r-rikors ikun ġie ppreżentat, jingħata lill-Avukat tal-attur terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli ad valorem;*

*(ii) wara li l-eċċezzjonijiet jew ir-risposta jkunu tlestew, jingħata lill-Avukat tal-konvenut terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli ad valorem."*

Ir-Reġistratur intimat jirribatti li l-interpretazzjoni korretta ta' dan il-paragrafu mhuwiex dak tar-rikorrenti imma li t-taxxa tinħadem abbażi tal-paragrafu 28 tat-Tariffa E f'dawk il-każijiet meta jkun ġie preżentat ir-rikors ġuramentat jew ir-risposta ġuramentata skont il-każ, iżda ma tkunx għadha ġiet appuntata għas-smigħ il-kawża u allura ma jkun għad sar xejn ħlief il-preżentata ta' dawk l-atti.

L-intimati l-oħra jeċċepixxu li kienet fil-fatt il-Qorti tal-Appell li ddisponiet miż-żewġ istanzi meta ddeċidiet illi l-azzjoni tar-rikorrenti kif proposta kienet waħda inammissibbli u għaldaqstant, illiberat lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju u li allura, din il-Qorti ma setgħet tagħmel xejn aktar ħlief li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża u tikkanċellaha minn fuq il-lista.

Din il-Qorti taqbel mal-intimati li meta kawża tiġi kanċellata minn fuq il-lista fl-ewwel istanza wara li l-Qorti tal-Appell tkun iddisponiet mill-vertenza permezz tad-deċiżjoni tagħha, dan il-każ ma jaqax fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-paragrafu 28 tat-Tariffa. Kif sewwa jgħidu l-intimati, fil-każ tal-lum il-kawża kienet ġiet kanċellata minn fuq il-lista minħabba li l-Qorti tal-Appell iddisponiet mill-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati billi laqgħethom u għaldaqstant, illiberat lill-istess intimati mill-osservanza tal-ġudizzju. Isegwi għalhekk illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ma kellha xejn aktar x'tagħmel ħlief li tikkanċella l-kawża minn fuq il-lista, iżda b'daqshekk ma jfissirx illi l-kawża ma tkomplietx għal finijiet ta' dak li tgħid it-tariffa.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti limitatament billi tordna lir-Reġistratur intimat sabiex jikkalkola t-taxxa mill-ġdid kif imfisser f'din is-sentenza.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża jitħallsu kwantu għal tlett kwarti mir-rikorrenti u kwart mir-Reġistratur intimat.

IMHALLEF

DEP/REG